*-konvenju magħmul bi ksur ta' projbizzjoni b'sentenza tal-Qorti*

*-ordni pubbliku*

*-leġittimazzjoni passiva*

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 912/2013 GM**

**Salvatore Cutajar (ID 375142M)**

**Vs**

**Leonarda Cutajar (ID410141M) għan-nom u in rappresentanza u għal kwalunkwe sehem li hija għandha bħala detentriċi mis-Soċjeta' S.C. & Company Limited C6050**

**Seduta tat-2 t'April 2019**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tat-23.08.2013 li permezz tiegħu l-attur qiegħed jitlob li l-konvenuti jwettqu wiegħda ta' bejgħ pattuwita favurih permezz ta' konvenju tat-

30.08.2008 li skada fit-30.08.2013 ta' porzjon art ta' 316.7 metru kwadru ossia plot 7 u nofs plot 8 fil-limiti tal-Imsida, kuntrada tal-Qroqq accessibbli minn Tower Lane;

Rat it-Tweġiba Maħlufa[1] ippreżentata minn Leonarda Cutajar f'isimha u f'isem is-soċjeta` konvenuta b'erba' eċċezzjonijiet;

Rat li t-tieni u t-tielete ċċezzjoni ġew irtirati fit-13.03.2014 u għalhekk fadal l-ewwel u r-raba' eċċezzjonijiet illi:

1. l-kawża ma setgħetx issir "għal kwalunkwe sehem li Leonarda Cutajar għandha bħala direttriċi";

4. it-talba biex isir il-kuntratt ma tistax issir għaliex l-attur stess fetaħ kawża u mandate t'inibizzjoni kontra s-soċjeta` konvenuta[2] biex ma tbiegħx proprjeta` inklużi dik suġġett tal-konvenju;

Rat it-tieni Tweġiba Maħlufa ta' S.C. & Co. Limited[3], ippreżentata wara li l-Qorti, diversament ippreseduta, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. Leonarda Cutajar ġiet imħarrka f'isem il-kumpannija meta ma kinitx għadha Direttur; u

2. l-konvenju kien milqut b'sentenza tat-30.01.2008[4] li ordnat li Leonarda m'għandha tiddisponi minn ebda proprjeta`tal-kumpannija favur Salvatore Cutajar, qabel ma jinqatgħu definittivament il-kawżi li huwa għamel kontra l-kumpannija[5]u għalhekk huwa null[6];

---

[1]Fol 24
[2]Fol 169
[3]fol 169
[4]Kopja tad-digriet a fol 143; kopjatas-sentenza a fol 102, per Imħallef Geoffrey Valenzia
[5]Fol 89
[6]paragrafunumru 7 tat-TweġibaMaħlufa

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li l-konvenju in kwistjoni ġie ffirmat mill-attur u minn Leonarda Cutajar, martu minnu legalment isseparata, bħala direttriċi tas-soċjeta` konvenuta li hi, l-attur u wliedhom huma soċi tagħha. Skont l-istatut tal-istess soċjeta`, ir-rappreżentanza ġuridika hi vestita f'żewġ diretturi konġuntament sakemm wieħed mid-diretturi ma jagħtix prokura lid-direttur l-ieħor. Jidher, għaliex mhux ikkontestat, li Leonarda Cutajar kienet direttur iżda minn imkien ma jirriżulta li kellha xi awtorizzazzjoni biex tidher għan-nom tal-kumpannija fuq il-konvenju. L-ebda dokument ma ġie esibit bħala xhieda u ż-żewġt uliedha Marjohn Cutajar, Joseph Mary Cutajar, u Leonard Cutajar xehdu li ma kienu jafu bl-ebda awtorizzazzjoni bħal din;

Illi jirriżulta wkoll illi l-konvenju sar fit-30.08.2008 – seba' xhur biss wara sentenza ta' din il-Qorti tat-30.01.2008[7] li għaddiet in ġudikat, u li ordnat li Leonarda Cutajar ma kellha tiddisponi minn ebda proprjeta` tal-kumpannija favor Salvatore Cutajar, l-attur f'din il-kawża, qabel ma jinqatgħu definittivament il-kawżi li huwa għamel kontra l-kumpannija. Din il-Qorti ma ġietx mgħarrfa jekk u meta spiċċaw dawn il-kawżi. Jirriżulta iżda li l-attur kiseb mandate t'inibizzjoni kontra s-soċjeta` konvenuta datat 23.02.2001[8]fuqnumru ta' proprjetajietfosthomdik in kwistjoni. Ippreżenta kontro-mandat tlettax-il sena wara, fit-30.04.2014[9], u seba' xhur wara li fetaħ din il-kawża, għar-raġuni li, skont kif kiteb fl-istess kontro-mandat "ġewiffirmati riżoluzzjonijiet tal-kumpannija S.C. & Company Limited fejn l-istess kumpannija tista' tbiegħ dawn il-proprjetajiet". Preżumibilment il-kawża li kien fetaħ ġiet ċeduta fl-istess żmien tal-kontro-mandat. Għalhekk jirriżulta li l-konvenju sar minkejja, u bi ksur, tal-imsemmi

[7]Kopja tad-digriet a fol 143; kopjatas-sentenza a fol 102, per Imħallef Geoffrey Valenzia
[8]Fol 53
[9]Fol 51

impediment b'sentenza tal-Qorti. Skont Artiklu 985 tal-KodiċiĊivili, "Il-ħwejjeġ… kuntrarji… għall-ordni pubbliku, ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt". M'hemmx dubbju li ksur ta' ordni tal-Qorti huwa kuntrarju għall-ordni pubbliku u għalhekk null. Kuntrarjament għal dak li jallega l-abbli avukat difensur tal-attur fit-trattazzjoni bil-fomm tiegħu, din mhix kwistjoni ta' annullabilita` - fejn il-kuntratt ikun validu sakemm ma jiġix attakkat, per eżempju minħabba vizzju tal-kunsens – imma ta' nullita` u għalhekk żgur m'hemmx kwistjoni dwar jekk hemmx bżonn ta' azzjoni *ad hoc* biex jiġi attakkat, pjuttost milli b'sempliċi eċċezzjoni;

Illi Leonarda Cutajar irriżenjat minn direttur tal-kumpannija fis-16.09.2009[10], tlettax-il xahar wara l-iffirmar tal-konvenju. Għalhekk, meta l-attur fetaħ il-kawża, fetaħha kontra persuna li ma kellhiex il-kapaċita` ġuridika passive biex twieġeb għad-domandi tiegħu, għax ma kinitx u ma setgħetx tirrappreżenta lis-soċjeta` konvenuta.

Tħares minn fejn tħares lejha, għalhekk, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tal-attur.

Spejjeż a kariku tal-attur.

Onor. Imħallef

GrazioMercieca

[10]skont nota li ppreżentat fl-14 t'April 2014, Fol 49